# Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

**Ħolqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja**
**ppubblikata mis-Soċjetà Patristika Maltija**
**Nru 8 22 ta' Diċembru 2017**

## Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Għeżież ħbieb,

Nittama u nitlob li tinsabu tajbin. L-Avvent għoddu għadda u tlett ijiem oħra niċċelebraw it-Twelid tas-Salvatur tagħna, Sidna Ġesù Kristu.

L-Irtir organizzat mis-Soċjetà Patristika għall-Avvent kien, nista' ngħid, suċċess. Ipparteċipaw għal ġurnata kollha għoxrin persuna, apparti l-organizzaturi (li kienu tlieta). Id-Dar tal-Irtiri u ċ-Ċentru tal-Konferenzi Dar Ħanin Samaritan kienet akkoljenti u ideali. Dakinhar ħarġet ġurnata b'temp mill-isbaħ, u dan ippermetta li nitpaxxew bil-ġmiel tal-*landscaping* irfinut tal-ġnien, u ngawdu l-ġmiel simboliku ta' dak li ħolom il-Perit England u wettaq fil-fatt. Il-*feedback* tal-parteċipanti kien ta' kuraġġ kbir, u jidhirli li lkoll kienu soddisfatti. Il-quċċata tal-esperjenza ntlaħqet fil-quddiesa meta stajna nduqu l-qawwa taż-żewġ artali – dak tal-Kelma u dak tal-Ewkaristija – permezz tat-tifsir espert u taż-żelu kontaġġjuż ta' Dun Pawl Sciberras li ġie mistieden jippresiedi.

Inselli għalikom u nixtiqilkom Milied qaddis fejn nikkontemplaw il-ġmiel veru tal-Verb Inkarnat. J'Alla l-qawwa melliesa tal-paċi tal-Mulej tmiss il-qlub tagħkom, kif ukoll lill-għeżież kollha tagħkom.

Dun Hector Scerri
President

## *Is-Soċjetà Patristika mill-ġdid fuq Radju Marija f'Jannar 2018*

Is-Soċjetà Patristika Maltija qed toffri, għat-tielet darba, skeda ta' 13-il programm fuq Radju Marija. ***Is-suġġett se jkun il-Missirijiet Appostolici***.

Il-programm se jixxandar kull nhar ta' Tlieta fid-9.00p.m., b'ripetizzjoni l-Ħamis fl-10.30pm. L-ewwel programm se jixxandar it-Tlieta 2 ta' Jannar. Matul

is-sensiela se jiġu trattati, fost l-oħrajn, San Klement ta' Ruma, is-seba' Ittri ta' Sant'Injazju ta' Antjokja, id-*Didakè,* l-*Ittra lil Djonjetu* u *Ir-Ragħaj ta' Erma*.

Inħeġġukom tisimgħu dawn il-programmi li huma ta' 25 minuta-il wieħed.

## *Siltiet Patristici għar-Riflessjoni Personali matul dan iz-zmien tal-Avvent u tal-Milied*

"Kristu ġie magħmul f'*sura ta' ġisem midneb* biex jikkundanna d-dnub u hekk jaqilgħu 'l barra mill-ġisem. U hu jħeġġeġ lill-bniedem biex isir jixbah lilu, ħalli mbagħad iressqu quddiem Alla, jorbtu miegħu f'għaqda ta' missier ma' ibnu, u jagħtih li jkun jista' jara lil Alla u jikseb fih Missier. Għax il-Verb ta' Alla għammar fi bniedem u sar *Iben tal-bniedem* biex Alla jibda jgħammar fil-bniedem, u l-bniedem jidra lil Alla fih, skont ma għoġob lill-Missier" (Sant'Irinew, *Kontra l-Ereżiji*).

"L-Iben li hu ta' natura waħda mal-Missier, għoġbu jkun ukoll ta' natura waħda mal-omm li wilditu, u għaqqad miegħu n-natura tagħna, minbarra d-dnub biss. Kieku ma għamilx dan, konna nibqgħu lsiera taħt il-madmad tax-xitan, u r-rebħa li kiseb ma kienet tiswielna ta' ebda fejda kieku ħa natura oħra li mhijiex tagħna. Minn dan it-tisħib tal-għaġeb idda fuqna l-misteru tat-tnissil ġdid tagħna: aħna nitwieldu b'ħajja ġdida bis-saħħa ta' dak l-istess Spirtu li bih tnissel u twieled Kristu" (Mill-*Ittri* tal-Papa San Ljun il-Kbir),

"Qum, bniedem: għalik Alla sar bniedem. *Stenbaħ int, li rieqed, u qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu*. Nerġa' ngħidlek, għalik Alla sar bniedem. Kont tmut għal dejjem kieku issa ma twelidx għalik. Qatt ma kont teħles mill-ġisem midneb kieku hu ma ħax is-sura ta' ġisem midneb. Kont tibqa' għal dejjem fil-ħsara kieku ma ġitux ħasra minnek ... Niċċelebraw ferħana l-miġja tas-Salvatur u Feddej tagħna. Niċċelebraw il-jum solenni, meta l-jum kbir u etern ġie mill-jum kbir u etern f'dan il-jum hekk qasir tagħna" (Mid-*Diskorsi* ta' Santu Wistin).

## **Nawguraw lill-Kardinal Prospero Grech**

Is-Soċjetà Patristika Maltija tawgura lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Prospero Grech O.S.A., President Onorarju tas-Soċjetà, f'għeluq sninu. Nhar l-24 ta' Diċembru huwa jagħlaq 92 sena.